**Avviż Legali**

Standards Soċjali Regolatorji

Servizzi bbażati fl-Uffiċċju offruti lil

# PERSUNI BI PROBLEMI RELATATI MA' DROGA, ALKOĦOL U LOGĦOB TAL-AZZARD

SCSA | SOCIAL CARE STANDARDS AUTHORITY

## ATT DWAR L-AWTORITÀ TA’ STANDARDS TA’ ĦARSIEN SOCJALI

## (CAP. 582)

## Regolamenti dwar Standards Soċjali Regolatorji għal servizzi bbażati fl-uffiċċju offruti lil persuni bi problemi relatati ma’ droga, alkoħol u logħob tal-azzard

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 30 (5) tal-Att dwar l-Awtorità ta’ Standards ta’ Ħarsien Soċjali, il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-Titolu ta’ dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar Standards Soċjali Regolatorji għal servizzi bbażati fl-uffiċċju offruti lil persuni bi problemi relatati ma’ droga, alkoħol u logħob tal-azzard.

Skop.

2. Dawn ir-regolamenti, permezz tal-Iskeda, jgħollu l-iStandards Soċjali Regolatorji għal servizzi bbażati fl-ufiċċju offruti lil persuni bi problemi relatati ma’ droga, alkoħol u logħob tal-azzard, għal status ta’ liġi sussidjarja taħt l-Att dwar l-Awtorità ta’ Standards ta’ Ħarsien Soċjali.

Tifsir.

3. F’dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort’oħra:

**“Aġenzija”** tfisser l-entità li tipprovdi s-servizz;

**“Assessjar ħolistiku”** tfisser il-proċess fejn il-membri tal-istaff jidentifikaw il-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tal-individwi li qed jieħdu s-servizz. Dan jiddentifika aspetti personal relatati mal-ħarsien tal-individwi fejn tidħol is-saħħa, emozzjonijiet, imġiba, ħarsien spiritwali, konjittiv u psikoloġiku, protezzjoni, ‘networking’ soċjali u sapport tal-familja. Dan jiddetermina liema servizzi għandhom jingħataw sabiex jissodisfaw dawn il-bżonnijiet u aspirazzjonijiet;

**“Individwi”** tfisser persuni li għandhom problemi relatati ma’ drogi, alkoħol u logħob tal-azzard li jfittxu għajnuna u sapport minn provditur ta’ servizz li joffri servizzi terapewtiċi u ta’ sapport għal dan il-għan;

**“Indikatur ta’ Kwalità”** tfisser stqarrija li tistabbilixxi r-rekwiżiti biex tinkiseb konformità ma’ standard;

**“Indikatur ta’ prestazzjoni”** tfisser deskrittur attiv ta’ x’għandhom jagħmlu l-provdituri ta’ servizz sabiex jassiguraw ir-riżultati tas-servizz li jsostnu l-indikaturi ta’ kwalità;

**“Maniġment”** tfisser persuna jew persuni li jaġixxu f’isem il-provditur tas-servizz biex jipprovdu tmexxija lill-istaff u jissorveljaw u jikkontrollaw il-funzjoni tas-servizzi offruti;

**“Membri tal-istaff”** tfisser persuni mqabbda mill-provditur tas-servizz biex joffru sapport u ħarsien lill-individwi li jieħdu s-servizz. Membri tal-istaff differenti jassumu rwoli differenti li jinkludu assistenza provduta f’dak li għandu x’jaqsam mal-ħarsien personali, sapport provdut waqt attivitajiet u sapport u pariri mogħtija fuq dak li għandu x’jaqsam ma’ ħiliet bżonnjużi għal ħajja ta’ kuljum. Membri tal-istaff oħra joffru sapport professjonali u speċjalizzat bħala parti mis-servizz terapewtiku;

**“Persuna responsabbli mis-sapport tal-individwi”** tfisser ħaddiem responsabbli li jikkordina l-pjan t’azzjoni tal-individwi;

**“Persuna kompetenti”** tfisser persuna li għandha l-għarfien teoretiku u/jew prattiku u/jew esperjenza li jagħmluha kapaċi u/jew awtorizzata li timplimenta attivitajiet speċifiċi skont il-leġislazzjoni nazzjonali, standards jew direttivi maħruġa mill-awtoritajiet applikabbli;

**“Politiki u proċeduri”** tfisser set ta regoli u linji gwida maħruġa mill-maniġment jew il-provditur tas-servizz li jirregolaw kif għandom jitmexxew servizzi bbażati fl-uffiċċju;

**“Provditur tas-servizz”** tfisser persuna jew organizzazzjoni li tagħti sapport permezz ta’ servizzi varji lill-individwi li qed ifittxu għajnuna għall-problemi relatati ma’ droga, alkoħol u logħob tal-azzard;

**“Rappreżentant indipendenti”** tfisser persuna, li hija indipendenti minn kull aspett tas-servizz u minn aġenziji oħra involuti fl-għoti tas-servizz, li taħdem f’isem il-persuna li qed tieħu s-servizz jew fl-interessi tiegħu/tagħha. Ir-rappreżentant jagħmel dan ix-xogħol wara li jkun appuntat formalment biex jagħmel dan mill-individwu li ser jaħdem f’ismu jew (jekk l-individwu mhuwiex f’pożizzjoni li jagħmel dan) kif stipulat bil-liġi;

**“SCSA”** tfisser l-Awtorità ta’ Standards ta’ Ħarsien Soċjali kif stabbilita permezz tal-Artiklu 5 tal-Att dwar l-Awtorità ta’ Standards ta’ Ħarsien Soċjali (Kap. 582).

**SKEDA**

**Standard 1: Identifikazzjoni tal-bżonnijiet u interventi ta' sapport**

**Stqarrija tal-iStandard:**

Isir assessjar ħolistiku u individwalizzat sabiex il-bżonnijiet, għanijiet u aspirazzjonijiet individwali jkunu identifikati.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. L-individwi jistgħu jidentifikaw u jiddiskutu aspetti minn ħajjithom li jħossu li għandhom bżonn ikunu megħjuna fihom u l-istaff għandu jagħti l-għajnuna neċessarja biex jilħqu l-aspirazzjonijiet tagħhom.
2. L-individwi kollha huma intitolati għal kull informazzjoni li huma jistgħu jsibu relevanti għalihom u din għandha tingħata b'mod komplut, fil-ħin u bl-ebda kundizzjoni.

**Standard 2: Drittijiet f'Ambjent Terapewtiku**

**Stqarrija tal-iStandard:**

L-individwi huma ttrattati b'rispett u huma assigurati ħarsien ħolistiku u dinjituż. Il-provditur tas-servizz jinkoraġġixxi l-awtonomija tal-individwi fid-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sapport mogħti.

**Indikatur ta' Kwalità:**

1. Il-provditur tas-servizz u l-istaff kollu jirrispettaw id-dinjità, id-drittijiet u l-individwalità ta' kull individwu u jgħinuhom iwettqu l-potenzjal tagħhom.

## Standard 3: Il-Ħarsien tas-Sigurtà u l-Protezzjoni tal-Individwi

**Stqarrija tal-iStandard:**

Il-benesseri fiżiċi, emozzjonali u mentali kif ukoll s-sigurtà tal-individwi għandhom jiġu mħarsa f'kull ħin.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Il-provditur tas-servizz jippromwovi sistemi li jassiguraw is-sigurtà tal-istaff kollu u tal-individwi li jkunu qed jieħdu s-servizz.
2. Il-provditur tas-servizz jieħu ħsieb b'mod effettiv u fil-ħin kull darba li l-individwi juru tħassib jew iressqu xi lment.

## Standard 4: Sistema effettiva għaż-żamma sikura ta' dokumentazzjoni u tqassim ta' informazzjoni

**Stqarrija tal-iStandard:**

Il-provditur tas-servizz jirrispetta l-miżuri tal-protezzjoni tad-data meta jiġi biex juża, jipproċessa, iżomm u jqassam informazzjoni kunfidenzjali dwar individwi li qed jużaw is-servizz.

**Indikatur ta' Kwalità:**

1. Il-provditur tas-servizz jassigura li jżomm b'mod sigur u jqassam informazzjoni dwar l-individwi skont il-liġijiet rispettivi u r-regoli tas-servizz.

## Standard 5: L-iżvilupp u s-sosteniment ta' relazzjonijiet esterni

**Stqarrija tal-iStandard:**

Il-provditur tas-servizz għandu jassigura ħarsien komprensiv u kontinwu billi jkun proattiv lejn iż-żamma ta' relazzjonijiet kollaborattivi u pożittivi ma' persuni qrib tal-individwi kif ukoll ma' professjonisti differenti li jistgħu joffru l-ħarsien neċessarju.

**Indikaturi ta' kwalità:**

1. Il-provditur tas-servizz jikkomunika ma' persuni qrib l-individwi u jżommu dan il-kuntatt jekk inhu fl-aħjar interess tal-istess individwi.
2. Il-provditur tas-servizz jikkollabora ma' terzi persuni inklużi professjonisti u entitajiet ta' sapport sabiex itejjeb l-esperjenza terapewtika tal-individwi li jużaw is-servizz.

## Standard 6: Immaniġġjar ta' Kwalità

**Stqarrija tal-iStandard:**

Il-maniġment u l-istaff huma responsabbli biex jagħtu sapport u ħarsien ta' kwalità bl-aktar mod rispettuż u trasparenti.

**Indikaturi ta' kwalità:**

1. Il-provditur tas-servizz jassigura prattika professjonali u etika li hija sigura u adattata għall-bżonnijiet tal-individwi li qed jużaw is-servizz.
2. Il-provditur tas-servizz jimplimenta strateġiji ta' reklutaġġ trasparenti u jippjana għall-iżvilupp kontinwu tal-istaff.